MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 168/2004

**Atlas Insurance Agency Limited u dawn bhala agenti ta' AXA Insurance PLC, kif surrogati bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assigurat taghhom Dr. Mario Stilon De Piro u l-istess Dr. Mario Stilon De Piro f'ismu proprju u b'digriet tal-4 ta' Gunju, 2004 Atlas Insurance Limited assumiet l-atti tas-socjeta' Atlas Insurance Agency Limited**

**Vs**

**Susan Rizzo u b'digriet tal-15 ta' Gunju, 2004 gew imsejha fil-kawza l-Kunsill Lokali ta' San Gwann u l-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-atturi talbu li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu s-somma ta' mija w erbgha u tmenin lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm184.55c) rapprezentanti danni subiti lill-vettura misjuqa mill-attur fil-vettura TFR 891 assigurata *comprehensive* ma' l-istess socjeta' attrici liema kollizjoni sehhet fil-15 ta' Lulju, 2003 fi Triq Regjonali, Gas Tanks, waqt li l-konvenuta kienet qieghda ssuq il-vettura BAO 296 li habtet mal-vettura ta' l-attur Dr Mario Stilon De Piro li dak il-mument kienet qieghda tinstaq minn Alessio Gravina.

Ra r-Risposta ta' Susan Rizzo li biha ddikjarat li ma tahtix ghall-incident. Li l-incident sehh minhabba zliq fit-triq.

Ra li l-imsejhin fil-kawza debitament notifikati ma ressqu l-ebda Risposta.

Sema' x-xhieda ta' Alessio Gravina u ta' Susan Rizzo.

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi jirrizulta li l-attrici u Alessio Gravina kienu miexjin fi Triq Regjonali sejrin fid-direzzjoni lejn il-Belt. Huma t-tnejn daru mar-roundabout fejn qabel kien hemm it-tankijiet tal-gass u qabdu t-triq id-dritta. Gravina nnota li l-karozza ta' quddiemu kienet skiddjat u bdiet iddur u meta ra hekk ghafas il-brake u waqaf. Hekk kif waqaf, giet il-karozza tal-konvenuta minn warajh u baqghet diehla ghal go fih. Il-konvenuta tghid li fil-fatt hija kienet qieghda ssuq kif gja' fuq spjegat, rat il-vettura ta' quddiem Gravina tispinja u rat il-karozza ta' Gravina tieqaf u hi ghafset il-brake, izda meta ghafset il-brake l-karozza taghha wkoll skiddjat u baqghet diehla gol-karozza misjuqa minn Gravina. Il-kollizjoni sehhet fil-15 ta' Lulju, 2003 filghodu, jigifieri fis-Sajf meta ma kienetx ix-xita izda t-triq kienet tizloq u mid-dokumenti esebiti jirrizulta illi kien hemm il-chlorine.

In materja ta "Skid" tajjeb li ssir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Onor Imhallef Geoffrey Valenzia) fil-kawza "Joseph Vella Vs Anthony Camilleri" tat-28 ta' Jannar, 1998 fejn intqal hekk:

Ġie ritenut mill-Qrati tagħna li f'materja ta' *skid* il-*prinċipju regolatur ma jistax hlief ikun li skid* waħdu la hu prova ta' negliġenza u lanqas skriminanti. Hemm bżonn li jiġu ndagat jekk kienx hemm xi negliġenza antecedenti jew konkomitanti. Jekk negliġenza simili tirriżulta, allura hemm ir-responsabbilità nonostante l-i*skid.* Jekk ma tirriżultax, allura l-i*skid* hija difiża għax tkun inċident inevitabbli. *Għaldaqstant* biex id-*difiża ta' skid* tirnexxi jeħtieġ li **d-*driver* jipprova mhux biss li l-i*skid* kienet dovuta għall-art tiżloq, imma ukoll li l-i*skid* saret bl-ebda *tort tiegħu u li huwa* jkun ħa l-*prekawzjonijiet kollha li* għandu jieħu sewwieq prudenti meta l-art tkun tiżloq (Pulizija *vs* C. Cachia,** Vol. 37, pt. 4, p. 920);

Ġie ukolll ritenut *in subjecta materia* li meta ssir ħabta *minħabba li waħda mill*-vetturi tkun skiddjat, is-sewwieq tal-karozza jkun responsabbli jekk ma jagħrafx jagħmel il-manuvra meħtieġa biex jevita u jnaqqas l-iskiddjar meta kellu żmien li jagħmel dan u jkun aktar responsabbli jekk jagħmel xi manuvra li taggrava l-i*skid* (Vol. 37, pt. 4, p. 873);

U saret referenza ghall-Highway Code li jghid hekk:

**"278.** Never drive at such a speed that you cannot pull up within the distance that you can see to be clear.
Remember that your visibility is reduced at corners and over the crests of hills, and that your braking distance is greater downhill or **when the road is wet or slippery**."

Il-konvenuta kienet qieghda ssuq b'mod regolari u ma jirrizultax li kien hemm xi speed mhux tas-soltu. Hija kienet qieghda zzomm *lookout* tajjeb tant li rat kollox isir quddiemha. Li gara kien pero' illi f'Lulju wiehed ma jistenniex li jsib it-triq imxarrba, specjalment bil-chlorine li huwa likwidu li jizloq hafna tant illi wara li sehhet il-

kollizjoni mertu tal-kawza, kien hemm karozza ohra li kienet gejja minn wara l-karozza ta’ Rizzo li skiddjat u baqghet diehla fuq *centre strip*.

Il-post fejn gara z-zliq hija l-parti dritta tat-triq li tizbokka ghaliha malli tohrog minn fuq ir-roundabout u ghalhekk il-konvenuta ssostni li ma kienx possibbli li tinnota dawn iz-zliq minn qabel.

Pero’ t-Tribunal jidhirlu li hemm fatturi li jimmilitaw kontra l-konvenuta u cjoe’:

1. Hija kienet indunat minn qabel li kien hemm iz-zliq fit-triq, u

2. Il-vettura ta’ quddiemha rnexxielha tieqaf “in time” biex tevita milli tahbat fil-karozza ta’ quddiemha u ghalkemm kien hemm karozza ohra warajha li skiddjat, din ma habtitx maghha.

Illi ghalhekk it-Tribunal jidhirlu li l-konvenuta ghandha ftit mit-tort ghall-incident in kwistjoni – pero’ mhux it-tort kollu.

Il-kura u manutenzjoni tat-toroq huma tal-Kunsilli Lokali jew ta’ l-Awtorita’ tat-Trasport Pubbliku skond xi tkun in-natura tat-triq. F’dan il-kaz partikolari t-triq hija wahda arterjali u ghalhekk taqa’ taht il-gurisdizzjoni ta’ l-Awtorita’ tat-Trasport Pubbliku u konsegwentement tali Awtorita’ ghandha tigi ritenuta responsabbli talli ma zammitx it-triq in kwistjoni fi stat tajjeb u minghajr ma hadet prekawzjonijiet xierqa w opportuni sabiex twissi lis-sewwieqa dwar il-periklu li kien hemm minhabba z-zliq.

Illi ghalhekk it-Tribunal jidhirlu illi r-responsabbilta’ ta’ l-incident ghandha tigi akkolta f’sehem indaqs bejn il-konvenuta u l-Awtorita’ dwar it-Trasport Pubbliku.

Ghar-rigward tal-quantum mitlub ma jidhirx li hemm diffikultajiet partikolari. Id-danni subiti jinsabu pruvati kemm mix-xhieda kif ukoll mid-dokumenti esebiti.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta u lill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta f'sehem ta nofs kull wiehed biex ihallsu lill-atturi s-somma ta' mija w erbgha u tmenin lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm184.55c) bl-interessi kif mitluba. L-ispejjez ikunu a karigu tal-konvenuta u ta' l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta f'sehem indaqs bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------